# LECTIO DIVINA

# It-Tletin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

**Mk 10, 46-52**

## "XI Tridni Nagħmillek"

**Mill-Evanġelju ta' San Mark 10:46-52**

**Ġesù jfejjaq lill-Bartilmew l-agħma**

46 U waslu Ġeriko. Hu u ħiereġ minn Ġeriko mad-dixxipli tiegħu u ma' kotra kbira ta'
nies, kien hemm wieħed tallab agħma jismu Bartilmew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb
tat-triq. 47 Dan, meta sema' li kien Ġesù ta' Nażaret, qabad igħajjat u jgħid: "Ġesù, bin
David, ikollok ħniena minni!" 48 Kien hemm ħafna li bdew igħajtu miegħu biex jiskot
imma hu aktar beda jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!" 49 Ġesù waqaf u qal:
"Sejħulu." Huma sejħu l-agħma u qalulu: "Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek.
50 Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù. 51 U Ġesù kellmu u
qallu: "Xi tridni nagħmillek?" "Li nara, Rabbuni," wieġbu l-agħma. 52 Mur qallu Ġesù, "il-
fidi tiegħek fejqitek." U minnufih beda jara, u baqa' miexi warajh fit-triq.

**Kuntest Bibliku**

Bartilmew il-agħma hu l-aħħar miraklu li l-Evanġelista jirrakkonta, l-aħħar sinjal ta' setgħa ta' Ġesù, qabel ma jilbes id-dgħjufija li ġarrab fil-Passjoni.

Ninsabu Ġeriko, l-ewwel lokalità li twassal fid-diviżjoni ta' Ġerusalemm. Jonqosna d-dawl sabiex naraw ċar: ilkoll neqsin mid-dawl, ilkoll mal-ġenb tat-triq. **"Xi tridni li nagħmel għalik"** L-istess mistoqsija li Ġesù għamel lil ulied Żebedew (v.36). Waqt li ulied Żebedew xtaqu joqogħdu maġenb Ġesù, l-agħma għejja bilqegħda u xtaq jara lil Ġesù sabiex jimxi warajh.

Ir-rakkont tal-vanġelu hu mimli dettalji. Waqt li Ġesù jsejjaħ lil Bartilmew, dan tal-aħħar **itajjar il-mantell, iqum minnufih, u jersaq lejn Ġesù** (v.50). Bartilmew hu l-ikona vera tad-dixxiplu veru, għaliex wara li jirċievi d-dawl (**il-fidi**), isegwieh u jimxi warajh.

**Napprofondixxu**

**"...kien hemm wieħed tallab agħma jismu Bartilmew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq (Mk 10:46)**

Sabiex jitla' lejn Ġerusalemm (Mk10:32) wieħed jitlaq minn Transġordanja. Ġesù kellu jaqsam il-Ġordan u jgħaddi mill-belt magħrufa għall-palm, il-belt ta' Ġeriko, u b'hekk b'xi mod wieħed kien jagħmel il-mixja tal-Iżraelita (Goż 3:6).

Imkien ma jirriżulta li fil-belt ta' Ġeriko Ġesù wettaq xi attività, peró huwa akkumpanjat mill-grupp tad-dixxipli, u ma dawn tingħaqad folla kbira. Il-agħma li minnu jitkellem il-vanġelu huwa **MUDELL** tad-dixxipli, tat-**TNAX**, li ma jifhmux il-messjaniżmu ta' Ġesù u l-għotja tiegħu. (Mk 10: 38-45).

L-għama għandu isem, jiġi indikat bħala **Iben Timew, Bar=Bin Timew** li tfisser **apprezzat/onorat** u allura "id-dixxiplu (iben) tal-Apprezzat", li jindika l-Messija, Bin David, f'kuntrast ma' Ġesù li huwa "**disprezzat**" u mhux milqugħ f'daru u f'pajjiżu stess (Mk 6:4). Bilqegħda, bla ma jimxi/statiku, mal-ġenb tat-triq, il-post fejn jasal il-messaġġ u f'dan il-post ma "jagħtix frott", għaliex jiġi satana u jisraq iż-żerriegħa (Mk 4:15).

Waqt li Ġesù kien għaddej minn Ġeriko flimkien mad-dixxipli u ma' folla mdaqqsa, it-tifel ta' Timew, Bartilmew, li kien għama, kien bilqegħda mal-ġenb tat-triq jittallab. **"Dan, meta sema' li kien Ġesù ta' Nażaret, qabad igħajjat u jgħid: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!" [48]Kien hemm ħafna li bdew igħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar beda jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!" Ġesù waqaf u qal: "Sejħulu." Huma sejħu l-agħma u qalulu: "Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek. Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù".** (Mk 10: 47:50).

Id-dixxipli għatxana għall-poter u ambizzjoni jilmentaw bejniethom sabiex jieħdu l-post tax-xellug u tal-lemin. Skond l-idea tal-Messjaniżmu Davidiku, ma jiatgħux jifhmu il-messaġġ ta' Ġesù u allura qatt ma jistgħu jagħtu l-frott tal-qadi u d-don tal-ħajja...dak li Ġesù spjegalhom b'mod ċar. L-agħma qed jitlob il-karità, jiġifieri m'għandux ħajja indipendenti, lanqas ma jgħix bil-mezzi li għandu għax jiddependi mill-għajnuna li l-oħrajn jixtiequ jagħtuh. Wieħed

jinnota n-nuqqas tal-iżvilupp uman tat-tnax/dixxipli, li minħabba l-kawża tal-Ideoloġija. Li tagħlqilna l-Viżjoni (Agħma) u d-dipendenza (Tallab) mill-awtonomija.

**"Ġesù Bin David, ikollok ħniena minni" (Mk 10-47)**

Dawk li jassistu għax-xena jsejħu lil Ġesù ta' Nażaret. Nażaret jindika s-settur b'għeruq patrijottiċi mill-Galilija: jattribwixxu lil Ġesù dak l-ispirtu patrijottiku, jistennew azzjoni vjolenta f'Ġerusalemm. Dan hu l-kuntest li qed idawwar lil Ġesù: dan jidher li kien il-motiv/l-iskop għaliex kien hemm il-folla takkumpanjah.

It-tip ta' dalma u għama li Bartilmew kien għaddej minnu jidher fit-talb li jagħmel lil Ġesù "Bin David; Ġesù"; juża t-titlu iben David għall-isem Ġesù l-isem propju. L-isem jindika li dan hu s-suċċessur tar-Re David, mudell ta' sultan gwerrier u rebbieħ, li jara fil-persuna Ġesù. It-tieni darba jsejjaħu "Bin David" (Mk 12:35-37), u dan juri l-mod kif kien iqis il-messjaniżmu ta' Ġesù. L-ideal ta' kap u mexxej rivoluzjonarju li t-tnax kienu qed jittamaw fil-persuna ta' Ġesù...u dan kien qed iżommhom għomja milli jaraw.

l-agħma fl-istess waqt kien qed juri FIDI u nuqqas ta' fidi fl-istess ħin meta jitlob lil Ġesù "**ikollok ħniena minni**". Dan li kellhom bżonn id-dixxipli sabiex jinħelsu mill-ideja messjanika żbaljat li ma kienitx qed tħallihom jimxu wara Ġesù u jifhmu l-missjoni tiegħu, kif tant drabi Ġesù xtaq jiftħilhom għajnejhom ( Mk: 9,29).

Il-għajta ta' agħma hija stqarrija messjanika: Ġesù ġej mir-razza leġittima tar-Re David, imħabbar u mistenni (Ġer 23:5, Żak 3:8). Il-parti l-kbira tal-folla iċċaħdu milli jesprimu l-istqarrija messjanika tant li bdew issiktuh u ma jħalluhx li jinstema' minn Ġesù . Il-fidi tal-agħma, minkejja li hi imperfetta u difettuża, għandha dawl li jinfed...**mingħajr għajnejn u jara.** Fil-agħma Bartilmew isseħħ il-profezija, "**għad jaraw il-glorja tal-Mulej...jinfetħu għajnejn il-għomja...**" (Is 3:5). F'Bartilmew hemm il-għama li ma tħallihx jimxi wara Ġesù imma fl-istess ħin hemm fiduċja għamja f'Ġesù (v 47). Possibli li wieħed jistqarr lil Ġesù bħala Messija imma ma jkunx qed jimxi warajh...**b'xofftejh biss imma qalbu 'l bogħod minni.**

**"Tajjar il-mantar minn fuqu, qam fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù" (Mk 10-50)**

Ġesù jisma' t-talba tal-fejqan tal-agħma u jsejjaħlu permezz ta' dawk preżenti. Ara l-ġest tal-agħma, **xeħet u tajjar il-mantar,** il-mantell li jgħatti l-figura tal-persuna u s-sikurzza tal-persuna.

Il-agħma jħalli fil-ġenb is-sikurezzi u l-figura tiegħu fil-figura tal-mantar i juri l-ħajja l-imgħoddija, jeħles minn dak kollu li qabel kien ta' serħan il-moħħ/trankwilità. **Iqum malajr**: ġest mhux mistenni minn min hu agħma, minħabba li dejjem juri indeċiżjoni fil-movimenti li jwettaq. Jersaq lejn Ġesù...bla ħadd ma jgħinu. Kif agħma jersaq b'tant ċertezza? Tgħid ma kienx nieqes mid-dawl?

## MEDITATIO

ATTITUDNI: **Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'**. Il-mistoqsija li tmexxina f'din it-tieni tarġa tal-*Lectio Divina* hi: **X'qiegħed jgħidli Alla permezz ta' dan it-test?**

- X'inhu l-aktar li laqtek f'dan ir-rakkont? Għaliex
- X'kienet l-attitudni ta' Ġesù? X'qal u x'għamel?
- Ikf iġibu ruħhom in-nies ta' Ġeriko? X'jgħidu u x'jagħmlu?
- Kif iġib ruħu Bartilmew il-agħma? X'jgħid u x'jagħmel?
- X'nitgħallmu mal-fejqan ta'Bartilmew il-agħma?

## ORATIO

ATTITUDNI: Mulej Ġesù, ibgħat l-Ispirtu Qaddis sabiex jgħinna naraw l-Iskrittura bl-istess mod kif inti qrajthom lid-dixxipli fit-Triq ta' Emmaws. Fid-dawl tal-kelma inti għinthom jiskopru l-preżenza t'Alla fil-ġrajjiet tal-Passjoni, is-Salib u l-Mewt tiegħek. Hekk is-salib li deher bħala t-temma ta' kull tama sar il-għajn tal-ħajja u tal-Qawmien.

## ACTIO

**Li nimxi fi triq id-dawl, fi triq il-ħajjin.**

Talba tal-egħluq: Mulej Ġesù , inroddulek ħajr għall-kelma li waslitna nifhmu aħjar ir-rieda tal-Missier. Jalla l-Ispirtu qaddis tiegħek idawwal l-azzjonijiet tagħna u jagħtina l-qawwa npoġġu fil-prattika dak li urietna l-Kelma Tiegħek. Jalla aħna, bħal marija mhux biss nisimgħu imma npoġġu kelmtek fil-prattika. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem Ammen.